MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2005

Numru. 420/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca )**

**vs**

**Alexander sive Sandro Cardona**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Alexander sive Sandro Cardona** ta' 38 sena, iben Joseph u Helen *nee'* Ellul, imwieled Pieta' nhar l-4 t'April, 1967, residenti 'Awrea', Triq Carmelo Vassallo, Iklin u detentur tal-karta tal-identita' numru 154167M;

Talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 t'April, 2005, ghall-habta tas-6.30p.m. u/jew fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess

disposizzjonijiet tal-ligi, w illi gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda xjentement ilqajt ghandhek jew xtrajt hwejjeg misruqa cioe' numru ta' DVD's li l-valur taghhom jaccedi l-mitt lira Maltin izda anqas minn elf lira Maltin, u/jew xjentement b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, sirt recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstabt hati b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liem sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-avukat generali, kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Rat l-artikoli 334 (a), 49 u 50 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali tal-imputat

Stante li l-imputat ammetta u ghalhekk instab hati ukoll talli hu recediv, l-applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kap 9 m'ghadhiex aktar
applikabbli u ghalhekk qed tikkundannah ghal-terminu ta' prigrunerija ta' hames (5) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------